**10 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Major Hannibal A. Scicluna, M.B.E. ne.

*versus*

Joseph Calleja

**Bejgħ — Aċċessorji — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 1448, 1112, u 1173(3) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-ħaġa mibjugħa għandha tiġi kunsinnata fl-istat li kienet tinsab fil-mument tal-bejgħ; b'mod illi, jekk tinbiegħ karrozza li fil-mument tal-bejgħ kienet provvduta bil-"loose covers", dawn għandhom jiġu kunsinnati flimkien mal-karrozza.*

*Barra minn dan, il-venditur għandu jikkunsinna l-ħaġa mibjugħa flimkien mal-aċċessorji tagħha; u konsegwentement, billi dawk il-"loose covers" huma aċċessorji tal-karrozza, anki għal dan ir-raġuni l-karrozza għandha tiġi kunsinnata bihom.*

*Imma jekk l-attur jagħżel li jinsisti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, u dawk il-"loose covers" ikunu għadhom jeżistu in natura għand il-venditur, ix-xerrej għandu d-dritt li jirrivendikahom in-natura, u mhux jitlob l-ekwivalent tagħhom*

*fi flus; u għalhekk il-venditur minn domanda simili għandu jiġi liberat "ab observantia".*

*Xejn ma jservi li l-venditur ikun ġie mitlub jikkunsinna dawk il-"loose covers" qabel il-kawża; għaliex, apparti jekk il-venditur jkunx ġie kostitwit in mora skond il-liġi, ix-xerrej ma jistgħax "marte proprio" jeħles minn dawk il-"loose covers" mingħajr ma jirrikorri għall-intervent tal-Qorti; li tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti lid-debitur żmien raġjonevoli biex jadempixxi l-obligi tiegħu dwar il-konsenja tal-ħaġa minnu mibjugħa.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta li b'negozju li kien sar bejn il-kontendenti l-konvenut kellu jikkonsenja lill-instanti l-karrozza "Fiat" numru 7673, liema karrozza kienet fornita b'"loose covers"; illi meta saret il-konsenja ta' dik il-karrozza, l-instanti sab li l-istess "loose covers" kienu neqsin, u l-konvenut, non ostanti diversi nterpellazzjonijiet f'dan ir-rigward, baqa' dejjem inadempjenti; u illi l-instanti pproċeda għal dan in-nuqqas quddiem il-Qorti Inferjuri, iżda l-istess Qorti, b'sentenza tat-12 ta' Marzu 1956 (dok. A), fuq eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li dawn il-"loose covers" ma kienux kompriżi fin-negozju, iddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; talab li din il-Qorti (1) tiddikjara u tiddeċidi li fin-negozju konkluż bejn il-kontendenti fl-14 ta' Settembru 1954 il-konvenut kellu jikkonsenja lill-attur il-karrozza "Fiat" numru 7673 gwarnita, fost affarijiet oħra, b'"loose covers", u li l-istess konvenut naqas li jagħmel il-konsenja tal-istess "loose covers"; (2) u konsegwentement tikkundannah iħallas lill-attur dak l-ammont li jiġi likwidat, anki per mezz ta' periti nominandi, per saldu tal-prezz tal-istess "loose covers" skond is-suq tal-ġurnata li fiha kellha ssir il-konsenja. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem il-Qrati Inferjuri (dok. B), li ġew riżervati għall-preżenti ġudizzju, kontra l-konvenut;

***Omissis;***

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel domanda;

Illi, għalkemm fl-iskrittura a fol. 14 ma jissemmewx, la "loose covers" u lanqas aċċessorji oħra tal-karrozza, irriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi, bħala regola, dawn l-aċċessorji ma kienux jissemmew fl-operazzjonijiet li kien jagħmel l-attur (fol. 30 tergo), iżda ġie pruvat soddisfaċentement illi l-konvenut ittrasferixxa lill-attur il-karrozza in kwistjoni bl-aċċessorji tagħha, kompriżi l-"loose covers" (fol. 19 tergo u 30). Il-versjoni tal-konvenut, illi ċjoè l-attur qallu li l-aċċessorji kien jista' jżommhom għax ma riedhomx, barra milli hija kontraddetta mill-istess attur u mix-xhud Maurice Micallef, hija wkoll inverosimili; għax għall-ewwel, kif irriżulta, huwa ma riedx jikkunsinna l-"loose covers" għaliex il-karrozza ma kienx fiha dawk il-"covers" (fol. 12 u 19 tergo), u mbgħad hu ġieb l-iskuża li dawn ma kienux kompriżi fil-bejgħ (fol. 12);

Illi, barra mill-ftehim espress, jimmilitaw diversi ċirkustanzi li jsostnu l-versjoni tal-attur, fosthom prinċipalment dawn hawn taħt miġjuba:—

*Omissis;*

Illi, apparti l-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, skond l-art. 1443 (Kod. Ċiv.) "il-ħaġa għandha tiġi kunsinnata fl-istat li kienet tinsab fiż-żmien tal-bejgħ", u mhux kontestat illi fil-ħin tan-negozju l-"loose covers" kienu jinsabu fiha;

Illi, barra minn dan, il-venditur, skond l-art. 1448 (Kod. Ċiv.), għandu l-obligu li jikkunsinna l-ħaġa flimkien mal-aċċessorji tagħha. Dawn, b'differenza mill-partijiet integrali tagħha, jistgħu jissussistu b'mod awtonomu u distint mill-ħaġa stess; u skond Ramella, "il carattere accessorio di una cosa risulta da due elementi, uno obbiettivo, consistente nella creazione di un'unione esteriore colla cosa principale, e l'altro soggettivo, consistente nell'essere l'accessorio addetto durevolmente al servizio della cosa principale, cioè all'esercizio, godimento o custodia sua" (La Vendita nel Diritto Moderno. Vol. I, §105). U fil-fehma tal-Qorti, il-"loose covers" in kwistjoni jirrivestu l-karattri fuq deskritti u jikkostitwixxu aċċessorji skond il-liġi. U

konsegwentement anki għal din ir-raġuni, huma kienu kompriżi fil-bejgħ;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel domanda talattur hija sostnuta;

Illi mhix ugwalment sostnuta hija t-tieni domanda. Difatti, billi l-attur, skond l-art. 1112. (Kod. Ċiv.), għażel li jinsisti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-"loose covers", bis-saħħa tal-istess kuntratt saru u għadhom proprjetà tiegħu, u għalhekk huwa, ladarba għadhom jeżistu, għandu d-dritt li jirrivendikahom mill-poter tal-konvenut "in natura", u mhux jitlob, kif qed jagħmel, l-ekwivalent tagħhom bi flus. "Il compratore", josserva Gasca, "non potrebbe chiedere l'equivalente invece del corpo certo che gli è dovuto, poichè questo essendo già, per effetto del contratto, di sua proprietà, egli non può rivendicare l'equivalente invece della cosa, ammenocchè gli sia impossibile di ottenerla... Il giudice non può di suo arbitrio sostituire alla prestazione in forma specifica l'equivalente in denaro" (Compra Vendita, Vol. II, §1319);

Illi xejn ma jiswa li l-konvenut qabel il-kawża ġie mitlub jikkunsinna l-"loose covers"; l-għaliex, apparti li ma jidherx li hu ġie kostitwit in mora skond il-liġi (art. 1173(2) Kod. Ċiv.), l-attur ma setgħax "proprio marte" jeħles minn dawk il-"loose covers" mingħajr ma jirrikorri għall-awtorità tal-Qorti, li fid-diskrezzjoni tagħha tista' tagħti lid-debitur żmien raġjonevoli biex jadempixxi l-obligu tiegħu tal-konsenja tal-ħaġa (v. Baudry-Lacantinerie, Vendita, §308);

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza, billi din ġiet rinunzjata;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

U tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-

ġudizzju għar-rigward tat-tieni domanda, bl-ispejjeż kontra l-attur;

L-ispejjeż relattivi għall-kawża deċiża mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati fit-12 ta' Marzu 1956 jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs.